MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 638/2004

**Deloitte & Touche Limited**

**Vs**

**Avv. Dr. Leslie Cuschieri b'digriet tas-6 ta' April 2005 kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lil Sun Corporation Limited.**

**Il-Qorti:**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta attrici nhar is-sittax (16) ta' Novembru 2004 fejn talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef erbgha mija tnejn u disghin lira u tmenin centezmu Maltin (LM3,492.80) rapprezentanti servizzi ta' kontabilita u konsulenza litre ghal VAT fuq l-istess flimkien ma spejjez u dan kollu skond kif indikat fuq fattura datata wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2004 u li kopja taghha hija esebita w immarkata bhala Dok. A.

Bl-ispejjez kollha tal-prezenti u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dottor Leslie Cuschieri bhala kuratur ghas-socjeta mhux rapprezentata Sun Corporation Limited fejn eccepixxa is-segwenti:-

1. Illi b'digriet tas-sitta (6) t'April 2005 huwa gie nominat kuratur biex jirraprezenta lill-kumpanija Sun Corporation Limited.

2. Illi huwa m'ghandu ebda nformazzjoni dwar kif jista jigi kkomunikat xi hadd li ghandu nteress fl-istess kumpanija jew xi persuna ohra li jista jkollha xi nformazzjoni relevanti.

3. Illi ghalhekk huwa baqa' mhux edott mill-fatti tal-kaz, w irriserva li jekk ikun il-kaz, jintavola eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2006 **xehed** id-Direttur tas-socjeta attrici **Malcolm Booker.** Spjega li s-socjeta atrici kienet giet inkarigata biex taghmel xoghol ta' *Accountancy* lis-socjeta Sun Corporation Limited. Ghax-xoghol li kienu ghamlu ghan-nom ta' din l-istess kumpanija konvenuta, huma kienu hargu kont datat wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2004, liema kont huwa gharaf bhala dak li jinsab esebit a fol. 2 sa fol. 3 tal-atti processwali w immarkat bhala Dok. A u li jammonta ghas-somma globali ta' tlett elef erbgha mija tnejn u disghin lira u tmenin centezmu Maltin (LM3492.80). Huma kienu hargu l-ammont ekwivalenti f'dollari ghaliex din il-kumpanija ghandha il-kapital taghha maqsum f'ishma f'Dollari Amerikani. Jaf li l-kont tieghu kien gie regolarment ricevut mill-kumpanija konvenuta u dan jafu ghaliex sahansitra darba minnhom kellu diskussjoni dwaru, izda mbaghad jaf li ma kellux aktar komunika dwaru.

Stqarr li s-socjeta konvenuta ma regghet qatt ikkomunikat mieghu u lanqas ma regghet inkarigathom sabiex jghamlulhom xi xoghol iehor u minn dak li sema' l-*partners* ta' din il-kumpanija kienu barranin u ma kienux ghadhom Malta.

In kontr'ezami nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Ottubru 2006, jghid li ghall-ewwel li bdew jaghtu s-servizzi taghhom, ftehim bil-miktub ma kienx hemm. Qal li pero sa mill-bidu nett li kienet giet iffurmata l-kumpanija konvenuta, fiha kien hemm korrispondenza bejn is-Sur Anand w impjegati ohra tal-kumpanija tieghu. Dwar id-dokument a fol. 2 tan-nota esebita mill-konvenuti jghid li jiftakar li kienu dovuti s-somma ta' hames mitt lira Maltin ghas-servizz ta' formazzjoni tal-kumpanija u kien jaf li riedu jithallsu lil MDSC somma flus bhala *registration*, liema somma kienet tkun kalkolata a bazi ta' *share capital* tal-kumpanija. Qal li huwa kien kapaci jesebixxi *breakdown* tas-somma mitluba mis-socjeta attrici kif indikata a fol. 2 tal-process minghand il-konvenut, ghaliex huma jzommu *time sheets* fejn jirregistraw is-sighat w anke nofs sighat li l-impjegati tas-socjeta attrici jaghtu lill-klijenti taghhom.

Ikkonferma li qatt m'ircevew xi komunikazjoni minghand il-konvenut fejn gew infurmati li s-servizzi taghhom ma kienux aktar rikjesti.

**Ian Fenech** prodott mill-kumpanija attrici **xehed** fil-kapacita tieghu t'*Accountant* mas-socjeta attrici. Spjega li fost id-diversi klijenti taghhom, hemm is-socjeta Sun Corporation Limited u li fil-fatt kien jiehu hsieb xi xoghol li kien isir ghaliha. Fil-fatt jghid li huwa kien ha sehem fix-xoghol li sar u li hu ndikat fil-kont esebit w immarkat bhala Dok. A a fol 2. Huwa kkonferma li fil-fatt ix-xoghol hemm indikat, kollu kien sar u li effettivament, minkejja li kien baghat il-kont, huma ma kienux thallsu ghal dan ix-xoghol.

Illi nhar id-dsatax (19) ta' April 2006 dehret Dr. Daniela Mangion ghal kuratur Dr. Leslie Cuschieri li ddikjarat li l-kuratur ma kienx ircieva risposta minghand il-konvenuti pero kien ser jipprezenta l-korrispondenza li kellu, liema

korrispondenza Dottor Leslie Cuschieri esebixxa permezz ta' nota fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Ottubru 2006.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju 2007, l-Avukat tas-socjeta attrici pprezenta nota li permezz taghha esebixxa *breakdown* ta' dak mitlub mill-konvenut kuratur, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. LS 1 (fol 48). Fl-istess seduta Malcolm Booker spjega dan l-istess dokument u qal li dan id-dokument jirrifletti l-ewwel pagna tad-dokument li huwa esebixxa flimkien ma l-avviz tieghu. Qall li is-somma ta' LM325 hemm indikata, tirrapprezenta s-*standard annual fee,* filwaqt li s-somma ta' LM2,365 tirrapprezenta x-xoghol li s-socjeta attrici a bazi ta' sighat li hija hadmet fuq dan il-kaz. Sussegwentement hemm l-ammont ta' l-*office cost* li jridu jizdiedu u l-VAT ta' 18%. Ix-xhud ikkonferma ghal darb' ohra li l-ammont pretiz huwa ta' LM3,492.80.

Illi **Malcolm Booker rega xehed** nhar il-hmistax (15) ta' Gunju 2007 u qal li nizjalment kien huwa li tkellem ma rapprezentanti tas-socjeta Sun Corporation. Qal li huwa tkellem mas-Sur Anan waqt li l-kollegi tieghu tkellmu ma l-impjegati tieghu. Ikkonferma li s-socjeta Sun Corporation ma kellhiex biss is-Sur Anan, izda kellha diversi impjegati. Mistoqsi jekk kellhomx xi dokument li jispjega l-*hourly rate* li jicchargjaw, ix-xhud qal li ghandhom *booklet* fejn hemm miktub ir-rati applikabbli ghal hlas tas-servizzi moghti minnhom u cioe tal-ispejjes involuti fl-*administration* tal-kumpanija, kif ukoll dak x'inhu bzonnjuz u dak li mhuwiex. F'dan id-dokument hemm indikat il-*fees* kollha kif ukoll il-*flat rates* applikabbli.

Qal li huwa *partner* f'din is-socjeta attrici w ghalhekk ma jiehux hsieb id-*day to day running* tal-kontijiet ta' kull klijent. Qal li fil-fatt kien hemm xi zmien meta kellmu certu Edward Camilleri, li dak iz-zmien kien *partner*, pero ma baqax.

Qal li s-socjeta attrici ghamlet xoghol t'*accountancy, corporate services u tax planning*. Qal li s-Sur Anan kellu zewg kumpaniji ohra u wkoll kellu problemi sabiex jithallas

minnhom, tant li spicca ghamel ukoll kawza il-Qorti u li wahda minnhom tinsab deciza.

Fid-disgha (9) ta’ Lulju 2007 huwa esebixxa kopja ta’ *e mail* li kienet intbaghtet lis-Sur Anan mill-ufficju tieghu nhar it-tlettax (13) ta’ Ottubru 2003 u kopja ta’ dokument li jismu “*requirements for the registration and maintenance of a Maltese company”,* liema dokument gie mmarkat bhala Dok. C. F’dan id-dokument hemm imnizzel it-tariffi taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut kuratur ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fis-sens li huwa ma kienx edott mill-fatti u li ma kellu l-ebda nformazzjoni dwar kif seta’ jikkomunika ma xi hadd li ghandu interess fis-socjeta li kien qed jirraprezenta u cioe Sun Corporation Limited.

Illi ghalhekk is-socjeta attrici kellha tikkonvinci lil Qorti bil-provi taghha li l-ammont mitlub minnha fl-avviz huwa dovut mill-assenti socjeta Sun Corporation Limited.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li sostniet il-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et deciza nhar it-18 ta’ April 2004** dwar x’tip ta’ prova legali ghandha tressaq parti f’kawza civili. Sostniet li

“In tema legali, jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’kaz ta’ zewg versjonijiet diametrikament opposti li jkunu plawsiblli jew possibli dan jiffavorixxi l-konvenut in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit et qui dicit non et qui negat* (**Appell Inferjuri Anthony Camilleri vs Maaurice Cauchi et deciz 22 ta’ Novembru 2002**). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegat fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero, il-grad ta’ prova rikjesta fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali, fejn il-ligi tesigi l-prova ta’ htija ghandha tirrizulta minghajr dubbju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza f’mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f’kawza civili hija l-effett tal-bilanc

tal-probabiltajiet (vide **Appell Civili** **<u>Paul Vassallo vs Carmelo Pace (19860 Vol. LXX.ii.144).</u>** Mera possibilita mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita civili."

Dan ir-ragunament gie radikat ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **<u>George Bugeja vs Joseph Meilaq deciza nhar 30 ta' Ottubru 2003</u>** fejn intqal li:-

"*Fid-dawl ta' dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti, il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita u verosimiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decisjoni fl-ismijiet* <u>Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia</u> *deciza minn din il-Qorti nhar l-24 ta' Novembru 2006 li 'il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wiehed miz-zewg versjonijiet, fid-dawl ta-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dwar il-konsistenza u verosomoljanzi, ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderenza tal-provi, ghax dawn f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Fil-kamp civili ghal dak li jirrigwarda apprezzament ta' provi, il-kriteji m'humiex dak jekk il-gudikant assolutment jemminx l-ispjegazzjoni fornita lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, 'n kwantu dawn flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Din ghad-differenza ghal dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubbju ragonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija sentenza "**<u>Carmelo Farrugia vs Rocco Farrugia</u>**" fuq imsemmija, "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fiha ma tkunx tista tiddecidi b'kuxjenza kwindi u ghalhekk taqa' r-regola ta' in dubio pro reo."*

**Issa f'dan il-kaz is-socjeta attrici ressqet lid-Direttur taghha, Malcolm Booker, jghid li s-socjeta tieghu kienet taghti servizzi lill-assenti Anan ghan nom tas-socjeta Sun Corporation Limited. Spjega x'tip ta' servizzi kien jigi moghti u fil-fatt l-*Accountant* tas-socjeta attrici, Ian Fenech ikkonferma li huwa hadem fl-interess tal-assenti, skond kif hemm miktub fil-kont mibghut u esbit fl-atti a fol. 2. Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova kuntrarja ghal din il-prova w ghalhekk m'hemmx dubbju li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.**

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet konvenuti qieghda tilqa t-talba attrici.**

**L-ispejjes skond il-ligi ghandhom jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------